MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 471/2008/1

**Avviz Nru: 471/2008/KPS**

**Korporazzjoni Enemalta**
**vs**

**Schembri Infrastructures Limited (C17388)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-25 ta' Novembru 2010 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Gunju 2008 li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf u tnejn u tmenin euro u erbgh u tletin centezmu (€1,082.34) u dawn bhala danni kkagunati*

*minnha jew impjegat minnha fuq cable tal-Korporazzjoni attrici li sehhew nhar it-3 ta Awwissu 2005. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Lulju 2006 u l-imghax dekkorribli mid-data tal-ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet:*

*1) Illi t-talbiet tal-korporazzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta jew tal-impjegati, ufficjali u diretturi taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi l-incident imsemmi s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda htija,*

*2) Salv kull eccezzjoni ulterjuri.*

*Sema' x-xhieda ta' Anthony Farrugia (Principal Senior Technician mal-Korprazzjoni attrici) prodott mill-Korporazzjoni Attrici.*

*Sema' x-xhieda ta' PS 1579 Johann Mifsud prodott mill-Korporazzjoni Attrici.*

*Sema' x-xhieda ta' Stephen Mizzi prodott mill-Korporazzjoni Attrici.*

*Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.*

*Ra l-atti kollha tal-kawza.*

*Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar it-12 ta' Ottubru, 2010 li bih il-kawza thalliet illum ghas-sentenza.*

***Ikkunsidra.***

*Il-kaz in kwisjoni jikkoncerna talba ghad-danni allegatament ikkagunati lill-Korporazzjoni attrici meta s-socjeta` konvenuta kienet qieghda taghmel xoghol ta' thaffir fi triq u nqata' cable tal-Korporazzjoni attrici.*

*Illi min-naha taghha il-Korporazzjoni attrici ipproduciet diversi xhieda in sostenn tat-talba taghha. Mix-xhieda taghha irrizultaw is-segwenti fatti:*

*L-incident gara f'Haz-Zebbug Imdina Road fejn l-iskola ta' St. Dorothy nhar it-3 ta' Awissu 2005. Dan gie a konjizzjoni tal-Korporazzjoni attrici ghaliex kien irraputat minn terzi li certu bnadi kienu minghajr dawl.*

*Ix-xoghlijiet li kienu qieghdin isiru kienu ghal progett li kien jikkonsisti fi thaffir u formazzjoni ta' toroq.*

*Mix-xhieda jirrizulta illi fil-lok tal-incident rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici sabu lil Edward Schembri li kien qed jahdem fuq il-post. Jirrizulta illi Edward Schembri kien ammetta fir-rapport tal-pulizija pprezentat illi kien hu li ikkawza l-hsara imma minhabba l-fatt illi l-Korporazzjoni attrici kienet ndikatlu post zbaljat minn fejn kien qieghed jghaddi l-cable.*

*Illi Korporazzjoni Attrici gabet il-bniedem li kien immarka il-post li kkonferma bil-gurament li kien immarka l-post korret b'sinjali taz-zebgha.*

*Min-naha taghha s-socjeta` konvenuta ma pproduciet l-ebda xhieda jew provi ohra.*

*Illi saret trattazzjoni mir-rapprezentanti tal-partijiet fejn irrapprezentant tas-socjetà konvenuta indika illi l-Korporazzjoni attrici ma gabet ebda prova illi kienet is-socjetà konvenuta li kienet responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Ghaldaqstant skond ir-rapprezentant tas-socjetà konvenuta, ma kien hemm xejn li jorbot il-hsara allegata mas-socjeta` konvenuta.*

*It-Tribunal jikkunsidra illi f'kawza civili l-attur ghandu d-dover u l-oneru li jipprova l-kawza tieghu fuq bilanc ta' probabilitajiet. Illi f'dan il-kaz is-socjeta` attrici gabet prova illi l-incident sar u ukoll li sar minhabba x-xoghlijiet li kienu qieghdin isiru minn certu Edward Schembri.*

*It-Tribunal jikkonsidra ulterjorment illi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta kienu is-segwenti:*

*1) Illi d-domanda attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta jew tal-impjegati, ufficjali u diretturi taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi l-incident imsemmi s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda htija.*

*2) Salv kull eccezzjoni ulterjuri.”*

*Is-socjeta` konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha ma eccepitx illi ma kenitx il-leggitma kontradditrici u lanqas ma eccepiet illi l-hsara ma gietx ikkagunata minnha imma terzi. Anzi teccepixxi illi ghal-hsara li sar hi ma kellhiex htija.*

*Jirrizulta illi nexus bejn il-hsara li giet ikkagunata u s-socjeta` konvenuta tqajjem biss fl-istadju tat-trattazzjoni.*

*Jidher ukoll mill-atti tal-process illi l-imsemmi Edward Schembri deher fit-Tribunal fil-21 ta’ Mejju 2009 bhala rapprezentant tas-socjeta` konvenuta.*

*Illi ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jikkonsidra jekk huwiex soddisfat illi s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda htija. F’dan il-kaz gie prodott ix-xhud Stephen Mizzi, impjegat tal-Korporazzjoni attrici li ddikjara illi huwa mmarka bl-istrumenti necessarji l-post ezatt fejn kienu jghaddu l-cables. Is-socjeta` konvenuta ma gabu ebda prova jew xhiedha biex jiribattu dan u biex issostnu l-eccezzjoni taghhom.*

*Fir-rigward tad-danni riklamati t-Tribunal josserva wkoll illi l-korporazzjoni attrici talbet danni fis-somma ta’ elf u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€1082.34) u li gabet prova ta’ dan b’ dokument (Dok ”AF1”) pero` is-somma f’dan id-dokument kien kemm xejn inqas u cioe ta’ elf u tnejn u tmenin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1082.29). Ghaldaqstant it-Tribunal jikkonsidra illi l-korporazzjoni attrici gabet il-provi necessarja in sostenn*

*tad-danni u li dan ma kienx ikkontestat bl-ebda mod. Ghalhekk it-Tribunal jista' jistrieh fuq tali prova.*

*It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta` konvenuta lanqas gabet xi tip ta' prova illi b'xi mod idahhal dubju dwar jekk Edward Schembri kienx qieghed jahdem f'isem is-socjetà konvenuta.*

*Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jhoss illi l-grad probabtorju rikjest mill-ligi gie sodisfatt mill-Korporazzjoni attrici.*

*Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' elf u tnejn u tmenin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1,082.29) bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali ta' nhar l-20 ta' Lulju 2006. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta".*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Schembri Infrastructures Limited datat 15 ta' Dicembru 2010 a fol 1 tal-process fejn ghar-ragunijiet hemm premessi talbet lill-Qorti tal-Appell thassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta vs Schembri Infrastructures Limited, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Korporazzjoni Appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' April 2011.

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta datata 23 ta' Dicembru 2010 a fol 3 ta' process fejn il-Korporazzjoni appellata talbet lill-Qorti tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza moghtija mit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar fil-25 ta' Novembru 2010 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fit-12 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri

tal-partijiet. Il-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie diferit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet premessi deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 25 ta' Novembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet premessi datata 25 ta' Novembru 2010.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa msejjes fuq l-aggravju li mill-atti tal-kawza u mill-provi prodotti ma jirrizultax li d-danni allegati gew ikkawzati mis-socjeta' appellanti, u ghal dan il-Korporazzjoni appellata sostniet li dan mhux minnu ghaliex hemm konnessjoni bejn Edward Schembri u s-socjeta' appellanti, u dan peress li huwa kien ipprezenta ruhu ghas-seduti ghan-nom tas-socjeta' konvenuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2009, u fil-kawza ma ingabet l-ebda prova minnu li ma ghandux x'jaqsam ma` din is-socjeta'.

Illi din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza u jirrizulta li mix-xhieda, l-unici provi li kien hemm huma biss li dan l-imsemmi Edward Schembri kien ammetta li laqghet il-*cable* in kwistjoni fit-3 ta' Awissu 2005, u fil-waqt li huwa sostna li dan sar ghaliex ma giex indikat lilu sew mill-Korporazzjoni appellata, l-istess entita' appellata sostniet tramite x-xhud Anthony Farrugia fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2008, li l-istess Korporazzzjoni kienet indikat lil Edward Schembri fejn kien tali *cable*, ghalkemm jidher li f'seduta precedenti tat-3 ta' Novembru 2008 l-istess xhud kien sajjem dwar dan.

Illi izda xorta jibqa' l-fatt li mill-provi u mill-atti kollha tal-kawza ma jirrizultax li tali xogholijiet kienu qed isiru mis-socjeta' appellanti konvenuta, u din il-posizzjoni hija konformi mal-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta/appellanti li hija ma kellha l-ebda htija fl-istess incident.

Illi fil-fatt kien oneru tal-Korporazzjoni attrici li tipprova li x-xogholijiet kienu qed isiru mis-socjeta' konvenuta, u li Edward Schembri kien inkarigat u qed jagixxi ghas-socjeta' konvenuta, u li allura d-dannu sar mill-istess socjeta' konvenuta. Din il-prova ma saritx. Kull ma gie ppruvat kien biss li dan Edward Schembri laqghet il-*cable*, izda l-involviment tas-socjeta' appellanti qatt ma gie msemmi u wisq inqas ippruvat.

Illi l-argument li f'din il-kawza Edward Schembri deher bhala rapprezentant tas-socjeta' konvenuta bhal fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2009 ma jfisser xejn in kwantu jirrigwarda l-mertu tal-kawza, u dan peress li hemm qed tigi ndikata r-rappresentanza tal-istess persuna f'isem is-socjeta' konvenuta ghall-fini ta' presenza taghha fil-kawza u xejn izjed. Il-prova kellha ssir bix-xhieda prodotta fil-kawza, haga li ma saritx, tant li l-ebda xhud, lanqas is-Surgent PS. 1579 Johann Mifsud ma semma` lis-socjeta' konvenuta, u ghalhekk jirrizulta li l-aggravju tas-socjeta' appellanti huwa ben fondat u dan fis-sens li mill-atti processwali ma hemm ebda prova li s-socjeta' appellanti ikkagunat l-incident mertu tal-kawza odjerna, u allura jirrizulta li l-Korporazzjoni attrici appellata ma ssodisfatx l-oneru ta' prova impost fuqha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta datata 23 ta' Dicembru 2010 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Schembri Infrastructures Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 15 ta' Dicembru 2010 ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 25 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet "Korporazzjoni Enemalta vs Schembri Infrastructures Limited" (Talba Numru 471/2008) u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u minflok fil-waqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' konvenuta f'dik il-kawza, tichad it-talbiet tal-Korporazzjoni attrici f'dik il-kawza stante li tali talbiet**

**huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kontra s-socjeta' konvenuta appellanti, ghar-ragunijiet hawn decizi.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Korporazzjoni Enemalta appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------